MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.
MALLIA MICHAEL LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 124/2001/1

**Lloyds (Malta) Limited, bhala rapprezentanti *ex lege* ta' Cotesworth Capital Ltd, membri ta' Lloyds li jifformaw is-*syndicate* bin-Nru. 1069 u joperaw taht l-isem H.R. Rivington & Others, Millennium Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali tal-istess H.R. Rivington & Others – Syndicate 1069 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Marvic Vassallo u l-istess Marvic Vassallo**

**vs**

**Charles Gouder**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fid-19 ta' Frar, 2001, fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm692.06) [Lm592.06 lill-atturi Lloyds (Malta) Limited u Millennium Insurance Agency Limited noe u Lm100 lill-attrici Marvic Vassallo] in linea ta'

danni minnhom sborsati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Zabbar fl-20 ta’ Mejju, 2000, meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura Nru. JAP 324 habat mal-vettura Nru. MRV 099 proprjeta’ tal-attrici Marvic Vassallo u misjuqa minnha – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Awissu, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali mit-22 ta’ Awissu, 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

(1) Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici illi ghal dan l-incident awtomobilistiku meritu tal-kawza, l-eccipjenti ma kellu l-ebda tort.
(2) Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara fl-20 ta’ Mejju, 2000, ghal habta tan-nofs siegha ta’ wara nofs inhar (12:30) hdejn il-mina ta’ Hompesch, Haz-Zabbar bejn il-Wolkswagen Polo bin-numru tar-registrazzjoni MRV 099 misjuq minn Marvic Vassallo u Escort bin-numru tar-registrazzjoni JAP 324 misjuq mill-konvenut Charles Gouder.

Marvic Vassallo xehdet illi dak il-hin hija kienet gejja min-naha tal-Fgura u riedet iddur mal-mina ta’ Hompesch biex taqbad it-triq maghrufa bhala tac-Cawsli, biex tibqa’ sejra

lejn Bulebel. Dak il-hin ma kienx hemm traffiku hdejha jdur mar-*roundabout*, ghad illi kien hemm traffiku warajha. Meta waslet biex titlaq ir-*roundabout* u taqbad it-triq tac-Cawsli, minn fuq in-naha tax-xellug taghha fejn hemm *give way sign,* hareg il-konvenut Charles Gouder minghajr ma waqaf u baqa' diehel go fiha u mbuttha lejn il-lemin. Il-karozza taghha garrbet hsarat fuq in-naha tax-xellug ta' quddiem kwazi l-genb kollu. Il-vetturi ma ccaqalqux qabel ma' gew il-Pulizija.

Is-surgent li nvestiga dan il-kaz, PS 1130 Alex Schembri pprezenta *sketch* dettaljat hafna a Fol 23 tal-process, liema *sketch* jikkorrobora bis-shih l-verzjoni moghtija minn Marvic Vassallo.

Ghad illi l-konvenut ma tax ix-xhieda tieghu f'dawn l-atti, lill-Pulizija qallu li l-incident gara waqt illi Marvic Vassallo kienet qeghda taghmel manuvra ta' sorpass minfuq il-lemin tieghu. L-istess pulizija m'emminx il-verzjoni moghtija minn Gouder, tant illi ghamel rimarka iebsa hafna fid-deskrizzjoni ta' l-incident a Fol 26. L-istess ghamel quddiem din il-Qorti fejn qal li l-verzjoni ta' Gouder ma kellix titwemmen ghax ma kinitx kompatibbli mal-hsarat subiti fil-karozza u dak li ra fuq il-post ta' l-incident.. Barra minn hekk, kien hemm *tyre mark* taht il-karozza ta' Gouder li kienet tindika li d-direzzjoni tal-karozza kienet minn wara l-*give way sign* u kif qalet Vassallo.

L-atturi esebew l-ircevuti u d-dokumenti kollha in konnessjoni mad-danni. Xehdet ukoll Vassallo fejn qalet illi kien hemm ukoll mitt lira (Lm100) excess fuq il-polza taghha li thallsu direttament minna. Ghal bqija l-Qorti jidhrilha li l-verzjoni moghtija mill-atturi hija ferm aktar kredibbli mill-verzjoni li pprova jaghti l-konvenut lis-Surgent.

Bhalma gja inghad, il-hsarat u l-i*sketch* jikkonfortaw it-tezi moghtija minn Marvic Vassallo, li l-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fis-sewqan taghha. Dina kienet qeda ddur mar-*roundabout* biex tibqa' sejra dritt ghal Triq ic-Cawsli. Min-naha l-ohra l-konvenut kien fl-obbligu li jirrispetta l-*give way sign*, liema sinjal huwa ma rrispettax u minflok

baqa' hiereg u b'sens ta' trakuragni baqa' diehel fil-vettura misjuqa minn Vassallo.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li l-kawza prossima ta' dan l-incident huwa nnuqqas tal-konvenut illi ma rrispettax is-sinjali fit-triq.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi, tiddikjara lill-konvenut Charles Gouder unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku illi gara Haz Zabbar fl-20 ta' Mejju, 2000, waqt illi kien qieghed isuq il-vettura Nru. JAP 324 u habat mal-vettura Nru. MRV 099 misjuqa minn Marvic Vassallo, liema ncident gara bi traskuragni, b'negligenza u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm692.06) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-atturi din is-somma hekk likwidata, bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur